# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tnax (12) ta' Mejju 2022**

**Rikors Numru 943/2018 FDP**

Fl-ismijiet

**Paul Ciantar (K.l. Nru, 422081M), Mary Shepard (K.l. Nru. 74357M), Emily Gusman (K.I. Nru.462754M) u Josephine Farrugia (K.l. Nru. 565165M), ilkoll aħwa Ciantar**

**Vs**

**Marietta Ciantar St. John**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 24 ta' Settembru 2018, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

    1. *Illi missier ir-rikorrenti, Andrew Ciantar, miet testat fit-18 t'April tas-sena 2013 permezz tat-testment fl-atti tan-Nutar Dottor Daniel Caruana tad-9 t'April 2012, kopja annessa u mmarkata Dok. AC. Fiż-żmien tal-mewt tiegħu huwa kien miżżewwġ lill-intimata, li huwa kien iżżewweġ wara l-mewt ta' martu Lorenza Ciantar, omm ir-rikorrenti. Huwa ħalla propjeta' biss sehmu mid-dar matrimonjali, u ċioe' nofs id-dar numru 106, "Warda Mistika', Triq Ħal-Luqa, Tarxien.*

    2. *Illi permezz tat-testment tiegħu Andrew Ciantar ħalla bħala eredi unversali tiegħu lil martu, l-intimata. Illi għalhekk wara l-mewt ta' missierhom ir-rikorrenti flimkien ma' oħthom Louise Ebejer għandhom dritt għas-sehem riservat skond il-liġi li huwa ta' nofs tal-valur ta' nofs id-dar matrimonjali, liema nofs jinqasam daqsinsew bejn ir-rikorrenti u oħthom Louise Ebejer*

*skond l-artikolu 616 tal-Kodiċi Ċivili, u dan għaliex it-tfal tiegħu huma ħamsa u ċioe' r-rikorrenti u Louise mart Raymond Ebejer, xebba Ciantar.*

3. *Illi l-ewwel mara ta' Andrew Ciantar, jiġifieri Lorenza Ciantar li kienet omm ir-rikorrenti, mietet intestata fit-28 ta' Frar, 2001 (Dok. A, B u C) u għalhekk skond il-liġi ta' dak iż-żmien wirtuha it-tfal tagħha, u ċioe' r-rikorrenti u oħthom Louise mart Raymond Ebejer, xebba Ciantar.*

4. *Illi d-dar matrimonjali ta' Lorenza Ciantar, omm ir-rikorrenti, u ċioe' id-dar numru 106, Warda Mistika', Triq Ħal-Luqa, Tarxien, kienet tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti mar-raġel tagħha Andrew Ciantar u għalhekk kellhom nofs indiviż kull wieħed. Għaldaqstant meta mietet Lorenza Ciantar ir-rikorrenti u oħthom Louise Ebejer wirtu nofs indiviż bħala propjeta' ta' dik id-dar.*

5. *Għalhekk filwaqt illi r-rikorrenti, flimkien ma' oħthom Louise Ebejer, għandhom nofs indiviż tad-dar fuq imsemmija, għandhom ukoll is-sehem riservat fuq in-nofs l-ieħor tad-dar li huwa propjeta' ta' l-intimata Marietta Ciantar, u ċioe' nofs tal-valur ta' nofs dik id-dar.*

*Tgħid għalhekk l-intimata, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddikjara illi r-rikorrenti għandhom id-dritt ta' wieħed minn ħamsa (1/5) kull wieħed tas-sehem riservat ekwivalenti għal nofs tal-valur ta' nofs id-dar numru 106, 'Warda Mistika', Triq Ħal-Luqa, Tarxien.*

2. *Tillikwida l-ammont ta' dak is-sehem riservat, anke permezz ta' periti nominandi.*

3. *Tikkundanna lill-intimata sabiex tħallas lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat.*

*B'riserva ta' kull azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti u bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċċjali tas-17 ta' Mejju 2017 kontra l-intimata, li hija nġunta minn issa in subizzjoni.*

2. Rat illi fid-19 ta' Ottubru 2018, l-intimata laqgħet għal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difiżi:

*Illi mill-lat strettament legali, in kwantu jirrigwarda sehem Andrew Ciantar mill-fond 106, "Warda Mistika", Triq Ħal Luqa, Tarxien, l-atturi m'għandhom ebda dritt dirett fuq l-istess sehem. Huma semmai għandhom kreditu kontra l-beni ta' missierhom, liema beni jinkludu wkoll nofs indiviż mid- dar 106, "Warda Mistika", Triq Ħal Luqa, Tarxien.*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, sabiex jiġi stabbilit kemm jammonta s-sehem riservat spettanti lill-atturi wieħed irid bilfors jagħmel stima ta' sehem id-decujus mill-fond 106, "Warda Mistika", Triq Ħal Luqa, Tarxien, u biex wieħed jasal għal tali stima wieħed bilfors irid:*

1. *jistma' l-propjeta immobbli bil-valur li kellha fid-data tal-mewt ta' Andrew Ciantar; u*
2. *jieħu in konsiderazzjoni l-fatt li l-konvenuta għandha dritt ta' abitazzjoni fuq il-fond 106, "Warda Mistika", Triq Ħal Luqa, Tarxien;*
3. *jieħu kont tat-tnaqqisijiet li jridu jsiru skond il-liġi.*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-konvenuta ġia' offriet somma idoneja lill-atturi, kif ser jiġi ppruvat fil-kors tal-kawża, u b'hekk m'għandhiex tbagħti l-ispejjeż ta' dil-proċedura.*

*Illi in vista li l-konvenuta offriet pagament idoneju, un vista wkoll li l-imgħaxijiet bankarji llum huma rriżorji, u in vista tal-limtazzjonijet finanzjarji tal-konvenuta - mara anzjana, ai termini tal-proviso tai-artikolu 615(2) tal-Kap. 16, il-konvenuta titlob li mal-iffissar tal-valur tal-kreditu ma jiġi impost ebda imgħax arretrat.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

3. Rat illi, fuq talba tal-partijiet, fl-20 ta' Novembru 2018 ġiet appuntata l-Perit Arkitett Marie Louise Caruana Galea sabiex tagħmel stima tal-fond.

4. Rat illi fil-21 ta' Awissu 2019, ir-rikorrenti ppreżentaw il-kuntratt daat 6 ta' Marzu 1980 ta' akkwist da' parte tal-mejjet Andrew Ciantar, tal-fond meritu tal-kawża odjerna. (fol 23)

5. Rat ir-rapport tal-Perit Arkitett Marie Louise Caruana Galea ippreżentat u maħluf fil-31 ta' Ottubru 2019. (fol 31)

6. Rat id-domandi in eskussjoni illi saru da' parte ta' l-intimata fil-15 ta' Novembru 2019, għal liema domandi irrispondiet permezz ta' nota ppreżentata fit-3 ta' Diċembru 2019 (fol 49) u xhieda ulterjuri mogħtija dakinhar stess.

7. Rat illi fis-27 ta' Frar 2020, ir-rikorrenti ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw.

8. Rat ix-xhieda in eżami u kontro eżami, ta' l-intimata **Marietta Ciantar St John** mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjaru Dr Elena Naudi Depasquale fis-17 ta' Novembru 2020. (fol 58)

9. Rat ix-xhieda in eżami u kontro eżami, ta' **Winston Magro** mogħtija quddiem l-Assistent Ġudizzjaru Dr Elena Naudi Depasquale fis-17 ta' Novembru 2020. (fol 61)

10. Rat l-affidavit ta' Winston Magro, ppreżentat fit-23 ta' Novembru 2021, flimkien ma' dokumentazzjoni minnu ppreżentati. (fol 86)

11. Rat illi fit-23 ta' Novembru 2018, l-intimata ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

12. Rat illi fit-23 ta' Novembru 2021, il-partijiet għarrfu lill-Qorti illi ma kellhomx kontro eżamijiet x'jagħmlu u għalhekk il-kawża ġiet differita mill-Qorti għas-sottomissjonijiet finali bil-miktub.

13. Rat is-sottomissjonijiet ta’ l-abbli difensuri tar-rikorrenti ppreżentati fid-19 ta’ Jannar 2022.

14. Rat is-sottomissjonijiet ta’ l-abbli difensur ta’ l-intimata, ppreżentati fis-7 ta’ Marzu 2022.

15. Rat illi fis-7 ta’ Marzu 2022, il-kawża tħalliet għas-sentenza għallum.

## Fatti

16. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi illi r-rikorrenti huma erbgħa minn ħames aħwa, lkoll tfal tal-mejjet Andrew Ciantar.

17. Jirriżulta illi missierhom, Andrew Ciantar, wara l-mewt ta’ ommhom fit-28 ta’ Frar 2001, izzewweg ma’ l-intimata Marietta Ciantar St. John, u baqa’ hekk miżżewweġ sat-18 ta’ April 2013, meta huwa għadda għal ħajja aħjar!

18. Jirriżulta illi meta mietet ommhom, Lorenza Ciantar, fit-28 ta’ Frar 2001, mietet intestata u għalhekk il-ħamest aħwa wirtuwha flimkien – bħala riżultat ta’ dan, huma wirtu in-nofs indiviż tal-fond tal-ġenitrui tagħhom, ossija l-fond meritu tal-kawża odjerna, 106, Warda Mistika, Triq Ħal-Luqa, Tarxien.

19. Jirriżulta illi, meta kien għadu haj, Andrew Ciantar kien għamel testment fid-9 ta’ April 2012, fl-atti tan-Nutar Daniel Caruana, fejn ħatar lill-intimata Marietta Ciantar St. John bħala l-unika eredi tiegħu.

20. Jirriżulta illi llum l-intimata, Marietta Ciantar St. John, bħala sid ta’ nofs indiviż tal-fond hekk kif wirtet lir-raġel tagħha, missier ir-rikorrenti, Andrew Ciantar, tirrisjedi fil-fond illi kien akkwista Andrew Ciantar fis-6 ta’ Marzu 1980, ossija 106, ‘Warda Mistika’, Triq Ħal-Luqa, Tarxien.

21. Jirriżulta illi, permezz tal-azzjoni odjerna, r-rikorrenti, bħala erbgħa mill-ħamest it-tfal tal-mejjet Andrew Ciantar, qed jipproċedu kontra l-intimata għall-ħlas tas-sehem riservat lilhom, a tenur tal-Artikolu 616 tal-Kodiċi Ċivili.

22. Jirriżulta illi l-ħamest wild, ossija Louise Ebejer, ma hijiex parti mill-proċeduri odjerni, peress illi fil-21 ta’ Diċembru 2016, wasslet fi ftehim ma’ l-intimata fejn, għall-porzjon riservat tagħha, tħallset is-somma ta’ sebat elef Euro (€7,000). (fol 97)

## Talba

<u>*Dritt*</u>

23. Jirriżulta illi, permezz tal-azzjoni odjerna, ir-rikorrenti qed jitolbu għas-sehem riservat lilhom, bħala tfal ta’ Andrew Ciantar, u dana a tenur tal-Artikolu 616 tal-Kap 16, li jipprovdi dan li ġej:

> *(1) Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu*

*jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta'dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.*

*(2) Is-sehem riżervat jinqasam f'ishma daqsinsew bejn it-tfal li jmisshom minnu.*

24. Jirriżulta illi, dwar in-natura tas-sehem riservat, l-artikolu 615 tal-Kap 16 jgħid is-segwenti:

*(1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-liġi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj.*

*(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Imgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:*

*Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.*

25. Jirriżulta, għalhekk, fil-każ odjern, it-talba tar-rikorrenti hija għall-ħlas lilhom tas-sehem tagħhom, illi hija ta' nofs il-propjeta illi kellu missierhom meta miet, ossija in-nofs indiviz tad-dar 106, Warda Mistika, Luqa Road, Tarxien, illi jirriżulta li kienet l-unika assi illi kellu missier ir-rikorrent meta miet.

*Data tal-valutazzjoni*

26. Jirriżulta illi l-Qorti, fuq talba tal-partijiet, qabbdet Perit Tekniku sabiex tistma l-fond, u permezz ta' rapport minnha redatt u ppreżentat fis-17 ta' Settembru 2019, stqarret illi l-valur tal-fond fuq is-suq kien ta' tlett mitt elf (€300,000).

27. Jirriżulta illi, in eskussjoni, l-Perit Tekniku kkonfermat illi tali valur kif għal propjeta, liberu u frank, u għalhekk mhux suggett għall xi dritt ta' abitazzjoni, kif għandha l-intimata, u d-data tal-istima kienet fit-3 ta' Settembru 2019.

28. Jirriżulta illi missier ir-rikorrenti, ukoll raġel ta' l-intimata, miet fit-8 ta' April 2013.

29. Il-Qorti tosserva illi, filwaqt li r-rikorrenti qed jikkontendu illi l-valur li għandu jitqies abbażi tal-istima illi l-Perit tal-Qorti għamlet għas-sena 2019, l-intimati jikkontendu illi l-valur għandu jkun dak tas-sena 2013, ossija meta missier ir-rikorrenti, Andrew Ciantar, miet.

30. Il-Qorti tirrileva illi, kif jirriżulta skond l-Artikolu 615 fuq ċitat, is-sehem riservat huwa kreditu li għandhom id-dixxendenti u li huwa riżultat ta' jedd li huma għandhom fuq il-beni tal-mejjet, liema beni huwa kellu fil-mument tal-mewt tiegħu. Ifisser, għalhekk, illi l-beni li għandhom jitqiesu huma dawk eżistenti fil-mument tal-mewt tal-persuna, u dana bil-valutazzjoni illi kienet teżisti dakinhar tal-mewt tal-persuna.

31. Għalhekk, kwalsiasi valutazzjoni trid tkun meqjusa fis-sena 2013, data meta miet missier ir-rikorrent.

*Valutazzjoni*

32. Għalhekk, jirriżulta illi l-istima illi kellha ssir mill-Perit Tekniku kienet dik viġenti fis-sena 2013 u mhux, kif attwalment sar, dik tas-sena 2019. Jirriżulta wkoll illi fl-istima illi għamlet l-abbli Perit Tekniku, hija ma ħaditx in konsiderazzjoni l-fatt illi l-fond ma huwiex liberu u frank, iżda huwa soġġett għall-dritt ta' abitazzjoni tal-intimata. Jidher illi tali nuqqasijiet huma riżultat tan-nuqqas ta' direzzjoni mogħtija lill-Perit Tekniku fil-mument tal-għoti tal-inkariku.

33. Ikkunsidrat dan, il-Qorti ma tistax ħlief ma tiħux in konsiderazzjoni il-valutazzjoni magħmula mill-Perit Tekniku għal fini finali tal-kawża odjerna, iżda din il-Qorti ċertament tista' tagħmel użu mill-valutazzjonijiet tagħha, b'dan illi ser tgħaddi biex tagħmel konsiderazzjonijiet ulterjuri sabiex tasal għal valutazzjoni differenti.

34. Jingħad, l-ewwel u qabel kollox, illi, fis-sena 2019, skond il-Perit Tekniku, il-fond, bħala liberu u frank, kien stmat li jiswa €300,000. Għalhekk, tali valutazzjoni, għas-sena 2019, u bħala liberu u frank, ma jidhirx illi huwa kkontestat.

35. Il-Qorti, hawnhekk, tagħmel referenza għall-Property Prices Index kif maħruġ mis-Central Bank of Malta[1], fejn jidher illi, għal dak li jirrigwarda 'terraced house', kif ġiet deskritta l-propjeta' meritu tal-kawża, il-Property Prices Index għas-sena 2013 huwa 193-il punt, filwaqt illi għas-sena 2019 huwa 318.2-il punt.

36. Ikkunsidrat illi, għas-sena 2019, il-Perit Tekniku stmat il-fond għal €300,000, dak ifisser illi bl-applikazzjoni tal-indiċi fuq imsemmija għas-sena 2013, il-valutazzjoni tal-post ghas-sena 2013 għandu jkun ta' €181,961.

37. Jirriżulta illi, kif ma huwiex ikkontestat, il-fond meritu tal-kawża odjerna huwa okkupat mill-intimata Marietta Ciantar St. John, u għalhekk, a differenza ta' dak ikkontemplat mill-Perit Tekniku, tali fond ma huwiex liberu u frank – għalhekk il-Qorti ser tgħaddi biex tagħmel riduzzjoni fil-valur b'għoxrin fil-mija (20%), liema riduzzjoni il-Qorti tqis illi hija waħda ġusta u li tirrifletti l-vera valur tal-propjeta.

38. Jirriżulta illi, wara li jsir it-tnaqqis ta' 20 fil-mija (20%) kif fuq indikat (li jammonta għal €36,392), dak iħalli valur bilanċjali nett ta' €145,569.

*Sehem Riżervat*

39. Jirriżulta illi minn tali propjeta, ir-rikorrenti għandhom dritt tas-sehem riżervat mill-beni ta' missierhom, li kellu nofs indiviż tal-propjeta meritu tal-kawża odjerna, li bħala valur jammont għal €72,784, ossija nofs il-valur komplessiv tal-fond li ġie stabbilit fis-somma ta' €145,569 kif fuq ġia indikat.

40. Is-sehem riżervat tar-rikorrenti, a tenur tal-Artikolu 616 (1) tal-Kap 16, huwa ta' nofs il-valur tal-beni, ossija ta' €36,392, li huwa nofs is-somma ta' €72,784 fuq ġia stabbilita.

[1] www.centralbankmalta.org/real-economy-indicators

41. Jirriżulta, għalhekk, illi s-sehem riżervat għall-ħames aħwa huwa fl-ammont ta' **sitta u tletin elf, tlett mija u tnejn u disgħin Euro (€36,392)**.

42. Jirriżulta, finalment, illi s-sehem riżervat ta' kull wieħed mill-aħwa, inkluż l-erbgħa rikorrenti huwa ta' kwint (1/5) ta' tali ammont, jiġifieri **sebgħat elef, mitejn u tmienja u sebgħin euro (€7,278)**.

<u>*Imgħax*</u>

43. Jirriżulta illi r-rikorrent, fil-proċeduri odjerni, qegħdin jinsistu illi l-imgħax għandu jkun dak ikkontemplat fl-Artikolu 1139 tal-Kap 16, ossija tmienja fil-mija fis-sena, liema imgħax, ir-rikorrenti jikkontendu, għandu jibda jiddekorri mit-23 ta' Mejju 2017, ossija data meta l-intimata ġiet notifikata bl-atti tal-Ittra Uffiċjali tagħhom tas-17 ta' Mejju 2017.

44. Il-Qorti tosserva, madanakollu, illi r-rikorrent qatt ma ppreżentaw la l-Ittra Uffiċjali tas-17 ta' Mejju 2017 u wisq anqas ippreżentaw prova jekk tali ittra ġietx notifikata u meta – il-Qorti ċertament ma hijiex ser taċċetta bħala prova email datata 29 ta' Mejju 2017 mibgħuta minn 'DO-NOT-REPLY-COURTS@got.mt', li ġiet ippreżentata mir-rikorrenti flimkien mas-sottomissjonijiet finali tagħhom (fol 106).

45. Il-Qorti kienet tippretendi illi, flimkien mad-dokumentazzjoni li ressqu ir-rikorrent mar-rikors promotur, kellhom, ta' lanqas, jippreżentaw ukoll kopja informali u intjiera tal-Ittra Uffiċċjali, ħaġa illi huma qatt ma għamlu – biex ma tgħidx ukoll il-Qorti illi r-rikorrenti QATT ma xehdu f'dawn il-proċeduri, daqs li kieku l-proċeduri odjerni kienu proċeduri '*by correspondence*' u ta' importanza minima! Dana ser jiġi rifless fil-kap tal-ispejjeż.

46. Fin-nuqqas ta' tali dokumentazzjoni bażiċi illi naqsu li jippreżentaw ir-rikorrent, din il-Qorti ser tqis bħala data minn meta jiskatta l-imgħax, id-data tal-preżentata tal-azzjoni odjerna, ossija **24 ta' Settembru 2018**.

47. Il-Qorti tosserva wkoll illi, għalkemm l-intimata tikkontendi illi hija offriet somma idoneja, u għalhekk tgħid li ma kellhiex tħallas imgħax b'lura, jirriżulta illi s-somma minnha meqjusa bħala idonea ma hijiex l-istess bħal dik attwalment raġġjunta mill-Qorti, u għalhekk il-Qorti tqis illi tali difiża ma tistax tiġi akkolta.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet ta' l-intimata fejn jirrigwarda d-data tal-valutazzjoni tal-fond, u tiddikjara illi l-valutazzjoni għandha titqies fid-data tal-mewt ta' Andrew Ciantar, ossija s-sena 2013;

**Tiċħad** il-kumplament tal-eċċezzjonijiet;

**Tilqa'** l-ewwel talba; u

**Tiddikjara** illi r-rikorrenti għandhom id-dritt ta' wieħed minn ħamsa (1/5) kull wieħed tas-sehem riservat ekwivalenti għal nofs tal-valur ta' nofs id-dar numru 106, 'Warda Mistika', Triq Ħal-Luqa, Tarxien.

**Tilqa'** t-tieni talba; u

**Tillikwida** l-ammont tas-sehem riżervat fis-somma komplessiva ta' sitta u tletin elf, tlett mija u tnejn u disgħin Euro (€36,392), li minnhom kull wieħed mir-rikorrenti għandhom dritt ta' wieħed minn ħamsa (1/5), ossija **sebgħat elef, mitejn u tmienja u sebgħin euro (€7,278)** kull wieħed mir-rikorrenti.

**Tilqa'** -tielet talba; u

**Tikkundanna** lill-intimata sabiex tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' sebgħat elef, mitejn u tmienja u sebgħin euro (€7,278) kull wieħed, li għall-erbgħa rikorrenti flimkien, jagħmel total ta' **disgħa u għoxrin elf, mija u tnax-il Euro (€29,112)**.

**Imgħax** huwa dekoribbli bir-rata ta' tmienja fil-mija mill-24 ta' Settembru 2018 sad-data tal-pagament effettiv.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni jinqasmu bejn il-partijiet ugwalment.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**

**CENTRAL BANK OF MALTA**
**PROPERTY PRICES INDEX (BASED ON ADVERTISED PRICES) [1,2]**
*(base 2000 = 100)*

| Period [3] | Total | Apartments | Maisonettes | Terraced Houses | Others [4] |
|---|---|---|---|---|---|
| **1980** | 31.0 | | | | |
| **1981** | 31.6 | | | | |
| **1982** | 33.5 | | | | |
| **1983** | 29.0 | | | | |
| **1984** | 28.7 | | | | |
| **1985** | 27.3 | | | | |
| **1986** | 32.5 | | | | |
| **1987** | 29.1 | | | | |
| **1988** | 33.2 | | | | |
| **1989** | 39.2 | | | | |
| **1990** | 42.4 | | | | |
| **1991** | 46.9 | | | | |
| **1992** | 47.7 | | | | |
| **1993** | 56.2 | | | | |
| **1994** | 67.4 | | | | |
| **1995** | 72.2 | | | | |
| **1996** | 78.5 | | | | |
| **1997** | 85.2 | | | | |
| **1998** | 89.4 | | | | |
| **1999** | 92.3 | | | | |
| **2000** | 100.0 | 100.0 | 100.0 | 100.0 | 100.0 |
| **2001** | 105.1 | 103.9 | 106.7 | 105.8 | 104.3 |
| **2002** | 114.2 | 113.0 | 115.3 | 114.0 | 110.6 |
| **2003** | 129.3 | 128.2 | 128.0 | 130.5 | 122.8 |
| **2004** | 155.6 | 157.0 | 155.4 | 151.1 | 153.8 |
| **2005** | 170.9 | 173.7 | 176.7 | 188.9 | 160.3 |
| **2006** | 177.0 | 178.3 | 187.0 | 196.2 | 175.0 |
| **2007** | 178.9 | 183.3 | 181.4 | 205.3 | 171.9 |
| **2008** | 174.1 | 172.7 | 181.4 | 201.5 | 173.7 |
| **2009** | 165.3 | 162.2 | 173.7 | 207.8 | 169.6 |
| **2010** | 167.1 | 166.4 | 171.8 | 199.4 | 178.5 |
| **2011** | 169.3 | 173.0 | 174.5 | 197.6 | 172.5 |
| **2012** | 170.1 | 172.5 | 173.5 | 185.5 | 172.4 |
| **2013** | 173.7 | 175.1 | 184.5 | 193.0 | 179.7 |
| **2014** | 185.7 | 189.3 | 183.6 | 203.2 | 202.6 |
| **2015** | 197.4 | 203.7 | 201.3 | 208.3 | 210.5 |
| **2016** | 219.7 | 225.2 | 234.7 | 245.5 | 211.1 |
| **2017** | 245.6 | 254.7 | 267.5 | 269.7 | 228.2 |
| **2018** | 281.1 | 304.8 | 280.6 | 309.0 | 242.3 |
| **2019** | 298.7 | 311.3 | 313.1 | 318.2 | 272.1 |
| **2020** | 303.6 | 322.3 | 328.2 | 332.1 | 264.9 |
| **2021** | 311.5 | 327.6 | 310.5 | 352.6 | 289.3 |